RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F50**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**Il-Hamis 8 ta' Novembru 2012 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Manicaro | Kunsillier |
| | |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F49**

1.01 Is-Sindku Alexander Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F49 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Odette Manicaro. Il-minuti gew approvati. — Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F49

**2.00 Korrezzjonijiet F49**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. — Korrezzjonijiet F49

**3.00 Punti li johorgu mill-Minuti F49**

3.01 3.02 Is-Sindku informa l-laqgha li l-proposti u l-pjanti ser jitellghu ghad- — *Embellishment* tal-Monument ta' San



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

diskussjoni fis-seduta tal-Kunsill li jmiss, minhabba li l-perit tal-Kunsill kien jinsab indispost. Hu kompla billi qal li l-Kunsill kien ircieva l-permessi mehtiega min TM. Guzepp

3.02 5.10 Is-Sindku informa l-laqgha li dwar it-Triq Misrah Suffara kien tkellem mal-kuntrattur sabiex jara' x'inhu l-ahjar li jsir. Problema fi Triq Misrah Suffara

**Sospensjoni tal-laqgħa**

Is-Sindku Sandro Craus talab is-sospensjoni tal-laqgha sabiex jigi diskuss *item* 7 fuq l-agenda. Huwa talab lill-*accountant* is-Sur Paul Bugeja sabiex jaghti spjega tal-*Quarterly Financial Report* (Lulju – Settembru).

Wara dan, il-kamra irritornat lura ghas-seduta u tkompliet l-agenda b'*item* 7

**7.00 *Quarterly Financial Statements* (Lulju – Settembru)**

7.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-*Quarterly Financial Report* jigi approvat hekk kif ipprezentat. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Odette Manicaro. Kopja ta' dawn il-*Quarterly Financial Statements* tinsab annessa ma' dawn il-minuti. *Quarterly Financial Statements* (Lulju-Settembru)

Is-Sindku Sandro Craus talab lil Kunsilliera prezenti sabiex jghaddu ssugerimenti taghhom ghal Pjan ta' Hidma 2013.

** Il-Kunsillier Robert Micallef dahal ghal-laqgha fis-7.35p.m

**4.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza**

4.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kunsill kien gie mistieden mill-*Malta Libraries Council* flimkien mal-Ministeru ghal Edukazzjoni u Impjiegi sabiex il-Kunsill jiehu sehem fl-attivita` ta' Jum il-Librerija li ser issir nhar l-Erbgha 5 ta' Dicembru. Jum il-Librerija

Is-Sindku ppropona li dakinhar jigu prezentati ammont ta' kotba, flimkien mal-oggetti l-ohra li nxtraw mill-Kunsill sabiex il-librerija taghti servizz ahjar lir-residenti. Hu ppropona ukoll li matul l-gurnata isir *story telling* animat ghat-tfal. Issekondat din l-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.02 Is-Sindku nforma l-laqgha li TM kienet qed titlob il-kummenti tal-Kunsill dwar *Un/Loading Bay* fi Triq San Pawl faccatta tal-Ghalqa ta' Kola. *Un/Loading Bay* fi Triq San Pawl.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib l-ebda oggezzjoni biex issir l-imsemmija *Un/Loading Bay*.

4.03 Is-Sindku qara korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand l-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq. Kumitat tat-tismija tat-toroq

Wara li l-Kunsill evalwa u d-diskuta l-proposti tal-kumitat il-Kunsill b'mod unanimu baqa ssostni d-decizzjoni precidenti, dik li l-gnien jissemma ghal Patri Martin Caruana. Dan ghaliex fil-lokalita' ma hemm l-ebda triq imsemmija ghalih u ghaldaqstant l-ebda indirizz mhu ser jigi affettwat.

4.04 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill kien gie mitlub jissugerixxi post iehor sabiex tigi nstallata *c-charging pillar*, minhabba li l-post li kien issugerixxa l-Kunsill, dak tas-Saqqaja kien gie irrifjutat minn TM.

*Charging pillars* ghal karozzi li jahdmu bid-dawl

Il-Kunsill qabel mal-proposta li taghna l-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali li *c-charging pillar* tigi installata gol-*parking bay* li hemm hdejn id-Domus Romana biswit is-*substation* tal-Enemalta.

4.05 Is-Sindku prezenta l-korrispondenza sabiex is-Segretarju Ezekuttiv is-Sna. Orietta Masini Cardona tiehu sehem fil-hdax-il kungress tal-UDITE li ser issir gewwa Cadiz fi Spanja nhar it-23 u l-24 ta Novembru 2012.

L-kungress tal-UDITE

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joffri l-ghajnuna tieghu billi jkopri l-ispejjes li mhux ser ikunu koperti mill-ANSEK biex is-Sna. Masini Cardona tkun tista tattendi dan il-kungress. L-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill approva Nem.Con.

4.06 Is-Sindku prezenta t-talba mis-Sin. Donna Micallef sabiex titrasferixxi 48 siegha mil-*vacation leave* tas-sena 2012, ghas-sena 2013. Is-Sin. Micallef qalet fit-talba taghha li fis-sena 2013 hija ser tizewweg u ghaldaqstant ser ikollha bzonn taghmel uzu minn dan il-*vacation leave*. Il-Kunsill approva unanimament.

*Vacation leave* tas-Sin. Donna Micallef

4.07 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill kien gie mistieden mill-Moviment Kerygma sabiex ninnomminaw xi zaghzugh jew zaghzuha ghal 'Premju Zaghzugh tas-Sena 2012'.

Nominazzjoni 'Premju Zaghzugh tas-Sena 2012'.

Il-Kunsillier Odette Manicaro ppproponiet li tigi nominata wahda mill-impjegat tal-Kunsill, is-Sin. Janice Dingli li ghadha kemm ghamlet xoghol volontarju fil-Kenja. Il-Kunsilliera Robert Micallef u Nazju Cassar issekondaw din il-proposta. Il-Kunsill qabel.

4.08 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-printer tal-kulur li jintuza mill-amminstrazzjoni gratlu l-hsara. Hu kompla billi qal li kwotazzjoni migbura mis-Segretarju Ezekuttiv biex jissewwa dan il-printer kienet ta' €401.20, ghaldaqstant hu ssuggerrixa li jinxtara printer gdid. Il-Kunsill qabel.

Xiri ta' printer tal-kulur

4.09 Is-Sindku qal li bhal kull sena il-kunsill lahaq ftehim ma' tlett ghaqdiet Rabtin, li huma Zghazagh Rabtin Pawlini, Arcikonfraternita ta' San Guzepp u l-Arcikonfraternita ta' San Anton Abbati u l-Madonna tac-Cintura biex dawn jiehu hsieb l-armar tat-toroq ghal festi tal-Milied.

Armar tat-toroq ghal zmien Milied

Il-Kunsill qabel li l-kundizzjonijiet ikunu l-istess bhal tas-sena precedent inkluz il-qbil tal-hlas finanzjarju fuq l-imsemmi xogholijiet. Il-Kunsill approva unanimament.

4.10 Is-Sindku nforma l-laqgha li din is-sena l-ikla tal-Milied ghall-Kunsilliera, il-Membri taz-zewg Kumitatati Amministrattivi u ghall-amministrazzjoni tal-Kunsill kienet ser issir nhar il-Hamis 20 ta' Dicembru gewwa l-lukanda Interncontinental. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ikla tal-Milied

4.11 Is-Sindku nforma l-laqgha li t-*tender* tal-*Works Monitor* kien wasal biex jiskadi f'Jannar 2013 u ghalhekk huwa spjega li minhabba l-volum ta' xoghol li qed ikun hemm, ikun aktar vijabbli ghal Kunsill illi dan ix-xoghol issir minn persuna li tkun impjegata direttament mal-Kunsill. Kien hawn fejn hu ppropona li johorgu sejha ghall-impjegat *fulltime* fi skala 16 biex ikun jista jaghmel dan ix-xoghol. Issekondat din l-proposta l-Kunsillier Odette Manicaro. Il-Kunsill qabel

Sejha ghall-impjegat *fulltime* fi skala 16.

unanimament.

**5.00 Komunikazzjoni mil-Kunsilliera**

5.01 Il-Kunsillier Odette Manicaro staqsiet lis-Sindku meta kienet ser titwahhal l-bozza tal-kuncizzjoni hdejn *St. Martin Farmhouse*. — Twahhil ta' bozza l-Kuncizzjoni

Is-Sindku wiegeb li din il-bozza kienet approvata mil-kunsill u ghalhekk talab lis-Segetarju Ezekuttiv sabiex tkellem lil kuntrattur sabiex titwahhal l-imsemmija bozza.

5.02 Il-Vici Sindku Doris Coleiro qalet li t-*traffic calmer* ta' Triq il-Kullegg hdejn il-hanut *Mr. Yummie* qeghda tkun ta' inkonvenjent ghal tal-hwienet, ghaliex meta taghmel ix-xita l-ilma qed jaqleb ghal ghandhom. — *Traffic calmer* ta' Triq il-Kullegg

**6.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

6.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 214 tigi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Odette Manicaro. — L-iskeda tal-hlasijiet numru 214

**8.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija A21**

8.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA Bahrija A21 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekondata din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Bahrija A21

**9.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija A22**

9.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA Bahrija A22 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekondata din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Bahrija A22

**10.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` A24**

10.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu` A24 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Virtu` A24

**11.00 Diskussjoni dwar applikazzjoni mal-MEPA – PA6153/08, żvilupp ta' ġnien pubbliku fi Triq l-Qastan ma' Triq Patri Tumas Scerri u Triq Saverin Bianco**

11.01 Saret diskussjoni dwar dan il-proġett bejn l-Kunsilliera preżenti. Il-Kunsill qabel mad-decizzjonijiet li ha l-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija fis-seduta A23 tas-17 ta' Ottubru 2012, fejn kien gie decizz li l-Kumitat Amministrattiv kien lest li jkompli bid-diskussjonijiet kemm-il darba kien ser ikollhom aktar informazzjoni dwar dan il-ġnien. Kien ġie deċiż ukoll li nibagħtu lill-MEPA biex tgħaddilna *impact assessment report*. — Diskussjoni dwar applikazzjoni mal-MEPA - PA6153/08

**12.00 Memo 35/2012 - Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunità**

12.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Ministeru tal-Gustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja kien qed ihabbar skema ta' opportunita` ta' xoghol ghal persuni d'dizabilita` fi hdan il-Kunsilli Lokali. Hu kompla billi qal li l-Gvern ser jipprovdi l-finanzjament tas-salarju tal-persuni b'dizabilita` impjegati taht din l-Iskema. Memo 35/2012 - Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunità

Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-Kunsill ghandu jibghat espressjoni ta' interess. Issekondat din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.00 Memo 38/2012 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012-2013**

13.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Gvern Ċentrali kien qed jerġa jniedi l-iskema ta' attivitajiet 2012/ 2013. Is-Sindku ppropona li l-attivita` 2013 titela` flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Imdina, fejn flimkien iż-żewġ kunsilli jingħaqdu u joħolqu atmosfera Barokka. Memo 38/2012 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012-2013

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi saħaq li meta l-Kunsill organizza l-attivita Rabat Festival tal-Arti din kienet waħda ta' success u allura ma' jarax il-bżonn li nissieħbu ma' Kunsill Lokali ieħor sabiex norganizzaw attivita'. Għaldaqstant is-Sindku talab li jittieħed vot dwar din id-deċiżjoni. Il-Kunsill qabel b'erba' voti kontra wieħed li l-attivita' tittella flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Imdina.

**14.00 Memo 40/2012 - Skema ta' Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilità ta' Librerija Lokali**

14.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Gvern Centrali kien ser jerga jaghti ghajnuna finanzjarja lil dawk il-kunsilli li ghandhom devoluta lilhom librerija lokali jew regjonali. Hu kompla billi qal li l-ghajnuna moghtija mill-Gvern Centrali, ser tkun ekwivalenti ghan-nefqa li ser johrog l-Kunsill mill-allokazzjon tieghu. Memo 40/2012 -- Ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabilita' ta' Librerija Lokali/Regjonali

Il-Kunsill qabel li n-nefqa mill-allokazzjoni tieghu ghal din l-iskema ghandha tkun ta' €500.

** Il-Kunsillier Robert Micallef talab li jigi skuzat fis-8.58 p.m.

**15.00 Programm ta' attivitajiet għall-Milied**

15.01 Is-Sindku pprezenta l-programm ta' attivitajiet ghal Milied u talb lis-Segretarju Ezekuttiv biex taghti spjegazzjoni aktar fid-dettal tal-programm. Wara dan il-Kunsill qabel. Programm ta' attivitajiet ghal Milied

**16.00 Tiġdid tat-*Tender* tar-*Resurfacing* tat-Toroq bil-*Crete Print* - RLC/T/097/2011**

16.01 Is-Sindku ressaq it-*tender* RLC/T/097/2011 tar-*Resurfacing* tat-Toroq bil-*Crete Print*, sabiex dan t-*tender* jigi mgedded ghal sena ohra. Il-Kunsill qabel Tigdid tat-*tender* RLC/T/097/2011

unanimament li dan it-*tender* jigi mgedded.

**17.00 Tiġdid tat-*Tender* għas-Servizz ta' *Accountant* - RLC/T/099/2011**

17.01 Is-Sindku ressaq it-*tender* RLC/T/099/2011 għas-Servizz ta' *Accountant,* sabiex dan t-*tender* jigi mgedded ghal sena ohra. Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-*tender* jigi mgedded.

Tigdid tat-*tender* RLC/T/099/2011

**18.00 Tiġdid tat-*Tender* għat-Tindif ta' Spralli - RLC/T/101/2011**

18.01 Is-Sindku ressaq it-*tender* RLC/T/101/2011 għat-Tindif ta' Spralli, sabiex dan t-*tender* jigi mgedded ghal sena ohra. Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-*tender* jigi mgedded.

Tigdid tat-*tender* RLC/T/101/2011

**19.00 Tiġdid tat-*Tender* ta' Kisi mill-Ġdid ta' Toroq - RLC/T/102/2011**

19.01 Is-Sindku ressaq it-*tender* RLC/T/102/2011 ta' Kisi mill-Ġdid ta' Toroq, sabiex dan t-*tender* jigi mgedded ghal sena ohra. Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-*tender* jigi mgedded.

Tigdid tat-*tender* RLC/T/102/2011

**20.00 Tiġdid tat-*Tender* għas-Sinjali tat-Traffiku u Sinjali tat-Toroq RLC/T/103/2011**

20.01 Is-Sindku ressaq it-*tender* RLC/T/103/2011 għas-Sinjali tat-Traffiku u Sinjali tat-Toroq, sabiex dan t-*tender* jigi mgedded ghal sena ohra. Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-*tender* jigi mgedded.

Tigdid tat-*tender* RLC/T/103/2011

**21.00 Aggornament**

21.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 6 ta' Dicembru 2012 fis-7.00 p.m.

Aggornament

21.02 Il-laqgha ntemmet fil-9.20 p.m

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**